Fontana Local Council

Minuti tas-sitta u ghoxrin (26) laqgha tal-Kunsill Lokali Fontana li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-kunsill lokali nhar id-29 ta' Dicembru 2009.

Prezenti

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Vici-Sindku | Is-Sur Tony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |

L-Agent Segretarju Ezekuttiv: Is-Sinjorina Josephine Borg

Il-Laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku
L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet it-talba.

Inqraw il-minuti, li gew approvati, tal-laqgha tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009, li kien hemm fihom dawn l-amendi: f'pagna 6 paragrafu 5, wara l-kelmiet "...din l-attivita'." irid jizdied dan li gej: "is-Sindku qal ukoll li ghall certu zmien damet ma nghatat ir-risposta mill-Kappillan tal-parrocca dwar r-"re-enactment" tal-wasla tal-Kardinal Alessandro Franchi li kellu jsir minn Pjazza Sant Wistin sal-Knisja l-Hadd filghodu, u r-risposta tal-Kappillan, Fr. Joseph Bajada kienet li jista' jasal sal bieb tal-knisja. Il-grupp folkloristiku is-"Sinet" li kellu jiehu sehem is-Sibt filghaxija, gie nfurmat li minhabba cirkostanzi li l-Kunsill ma kellux kontrol fuqhom l-attivita' kulturali tas-Sagra ta' Sant Andrea thassret."

## Korrispondenza

Memo 81/2009: Tqassim ta' Memos lill-Kunsillieri u Avvizi u Kwotazzjonijiet fil-Gazzetti.
Memo 82/2009: Ftuh ta' Ufficcini Amministrattivi
Memo 83/2009: P.Q.s Nru. 12652 u Nru. 12660
Memo 84/2009: Allokkazzjoni Finanzjarja Ghas-Sena 2010
Memo 85/2009: Posta Elettronika ghal kull Kunsillier
Memo 86/2009: Hlas ta' Performance Bonus
Memo 87/2009: Kuntratti minn Kunsilli Lokali mal-Iskemi ghall-gbir ta' skart separat
Memo 88/2009: Seminar Informattiv u Tqassim tal-Ligi l-Gdida

Borg

Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

S. Borg

Fontana Local Council

Memo 89/2009: Allowance lill-Kunsilliera
MPO Circular No. 116/2009: Post of Asst. Registrar at the Courts of Justice Division (Malta)
MPO Circular No. 118/2009: Expression of interest from amongst Public Officers/Public Sector employees to be assigned duties at the searches unit of the public registry Department.
MPO Circular No 121/2009: Posts of Asst. Principal Speech Therapist in the Ministry for Social Policy (Health).
MPO Circular No. 122/2009: Post of Asst. Principal Dental Technologist in the Ministry for Social Policy (Health)
OPM Circular No: 20/2009: Skills Profiling Exercise
HR/MEDC Circular 3/2009: Filling of Vacant Position of Asst. Director in the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport.
HR/MFEI Circular No. 8/2009: Filling of Vacant Position of Asst. Director in the Ministry of M.F.E.I.

Korrispondenza Mis-Sur James Catania, Asst. Direttur , ghad-Direttur Gvern Lokali, dwar il-hatra ufficcjali tas-Sur Karl Vella bhal Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Fontana b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

Stedina minn Fr. Joseph Bajada lill-Kunsill Lokali u s-Segretarju Ezekuttiv ghall festa tal-pussess tieghu bhala Kappillan tal-parrocca tal-Fontana, nhar il-Hadd l-10 ta' Janar 2010.

Korrispondenza mill-Bord ta' Evalwazzjoni dwar Attivitajiet Sportivi li giet accettata l-attivita', proposta mill-Kunsill, li ser issir fix-Xlendi, f'Awwissu 2010, u aktar 'l quddiem ghandu jsir il-kuntratt mehtieg.

Korrispondenza mill-organizzazzjoni "Discern" fuq il-ktieb dwar l-Ambjent, u l-Kunsill qabel li jinxtraw zewg kotba. Il-prezz huwa ta' €5 il-wiehed. Mid-De La Salle Brothers Publication fuq il-Malta Year Book, u l-Kunsill ma qabilx li jinxtara. Mill-Midseabooks avviz dwar il-ktieb "Flickristi: Malta Seascapes" u l-Ktieb "Jewellery in Malta". Il-Kunsill qabel li ma jinxtrawx dawn il-kotba.

Korrispondenza mill-Moviment ta' Kana Ghawdex dwar nominazzjonijiet "Familja Qalb tad-Deheb", u l-Kunsill ma kellu l-ebda nominazzjoni.

Mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-programm ghal-bdil ta' awguri ghall-ewwel tas-sena 2010; u avviz dwar l-ahbar tal-mewt tas-Sur Victor Agius, Kunsillier fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Mill-Ministeru ghal Ghawdex, il-pjan propost ghas-snin 2010-2012 bl-isem "Eco-Gozo, a Better Gozo". Is-Sindku qal li l-Ministru ghal Ghawdex f'laqgha li kien hemm mas-sindki fuq "Eco - Gozo", ipproponiet lil kull Kunsill, li l-Ministeru lest li jhallas biex kull pjazza issir bis-"solar energy". Is-Sindku ta s-suggeriment li l-Kunsill jista' jaghmel bis-"solar energy" Pjazza l-Ghejjun, il-fanali dekorattivi li hemm fit-telgha ta' Triq il-Ghajn u dawk li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja, kif ukoll jekk il-Kunsill ghandu xi proposta fuq id-dokument mahrug dwar l-Eco Gozo sal -15 ta' Jannar 2010.

Kopja ta' korrispondenza li s-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said kiteb personalment lil Kummissarju Elettorali dwar Triq Ghar Gerduf, biex parti minn din it-triq tigi mar-Registru Elettorali tal-Fontana, fejn il-Kunsill kien kiteb ukoll qabel, li kopja taghha kienet ntbaghtet li Onor. Chris Said.

Mill-"Malta Hotels & Restaurants Association", l-ismijiet u l-formazzjoni tal-Kunsill il-gdid ghas-sena 2009/2010.

Korrispondenza mill-MCST, dwar "Science in the Community", dwar xi attivita fil-komunita tar-rahal dwar ix-Xjenza u t-Teknologija.

Mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar il-konfrenza ECAD (European Cities Against Drugs) li ser issir f'Ghawdex bejn il-21 u t-23 t'April 2010; u korrispondenza ohra fejn il-Kunsill gie nfurmat li dawk il-flus li s-Segretarju ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni iffranka mill-kartolini tal-Milied, dawn ser jintefqu fuq sigar taz-zebbug ghall-Kunsilli Lokali Ghawdxin. Il-Kunsill qabel li jaghmel talba ghal numru ta' dawn is-sigar.

Korrispondenza mill-ETC biex jigu organizzati laqghat ta nformazzjoni dwar servizzi li joffru tal-ETC/EURES. Dawn il-laqghat intalbu biex isiru fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn il-laqghat fil-lokalita'.

Korrispondenza mill-ADT, li ma hemmx oggezzjoni biex issir "SLOW sign" fi Triq Dun Guzepp Grima; biex issir mera fi Triq Wara l-Idjar/Triq Ghajn Tuta, kif ukoll biex isiru kaxxi ghal vetturi fi Triq Ghajn Tuta. Il-Kunsill qabel li tinxtara mera ghal post indikat.

Korrispondenza ohra mill-ADT dwar l-"approved parking bays" li hemm fil-Fontana. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jistaqsi x'inhi r-raguni li tlieta mill-lista li hemm approvata mill-ADT ma ghandhomx licenzja fuqhom, meta dan l-ahhar kellna l-kaz ta' Charlie Cordina, persuna b'dizabilita' li lanqas ghandu, u ma giex approvat "parking bay".

Borg S. Borg

Mill- Lands Department il-permess li jista' jsir ix-xoghol ta' restawr tal-Ghajn ta' Bendu.

Dwar il-kawza ta' Pauline Cassar kontra l-Kunsill Lokali Fontana, dwar ir-"Road Hump" fi Triq il-Ghajn, l-Avukat Angele Formosa baghtet kopja tar-relazzjoni ipprezentati fil-Qorti mill-Perit Tekniku Valerio Schembri, mqabbad mill-Qorti. Il-Kunsill qabel li ma jitlobx biex jinhatru tlett periti ohra biex biex jaghmel rapport iehor, u lest jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-Perit Schembri ta' fejn jistghu jsiru.

## Hatra ta' Segretarju Ezekuttiv

Il-Kunsill rcieva korrispondenza Mis-Sur James Catania, Asst. Direttur , ghad-Direttur Gvern Lokali, dwar il-hatra ufficcjali tas-Sur Karl Vella bhal Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Fontana b'effett mill-1 ta' Jannar 2010. Is-Sindku irringrazzja lis-Sinjorina Josephine Borg, l-Agent Segretarju Ezekuttiv tal-hidma li tat lil Kunsill Lokali f'dawn l-ahhar disa' xhur. Is-Sindku flimkien mal-Kunsill ipprezenta lis -Sinjorina Josephine Borg, l-Agent Segretarju Ezekuttiv, replika tal-Ghajn il-Kbira, b'ringrazzjament.

## Hrug ta' Offerta tal-Patching tat-toroq bil-hot asphalt

Kien hemm "tender" wahda ghall-offerta tal-"patching" tat-toroq bil-"hot asphalt". Din kienet mitfughha minn Gatt Tarmac Ltd. Il-Kunsill qabel li tinghata din l-offerta lil "Gatt Tarmac Ltd." Is-Sindku ippropona li jiehu hsieb dan ix-xoghol l-Kunsillier Lorry Apap. Il-Kunsill qabel.

## Budget 2010

Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv ser jippreparaw "draft" tal-Budget ghas-sena 2010 ghall-laqgha li jmiss.

## Ilmenti/Suggerimenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilment ta' Jessie Bongailas biex jsir "double line" (isfar) fil-bidu ta' "Fontanella Gardens" minn Triq is-Sajjieda. Is-Sindku nforma lil Kunsill li

diga hemm "double line" li sar madwar sena ilu. Dan sar minghajr permess tal-ADT u lanqas qatt ma gie diskuss mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel, li ssir talba lill ADT biex jigi rregolat dan "double line".

## Approvazzjoni ta' Kontijiet

Il-Kontijiet ta' hawn taht gew approvati mill-Kunsill

| PERIOD | Month<br>Year | December<br>2009 |
|---|---|---|

| Ref No | Description | Amount € | Account No. |
|---|---|---|---|
| | Xerox (service to photo copy machine) | 39.86 | |
| | Wasteserv (Hire of Bins - October 2009) | 296.59 | |
| | WasteServ (Hire of Bins - November 2009) | 287.02 | |
| | Galea Curmi Eng. Cons. (mgt. Fee for Oct. 2009 | 15.45 | |
| | Galea Curmi Eng.Cons (Mgt. Fee for Nov 2009) | 15.45 | |
| | Museum of Toys (cultural outing 3/12/09) | 38.00 | |
| | Vassallo Jewellery (Engraving Jum il-Fontana) | 14.00 | |
| | Artex (painting & repair of Gypsum ceiling) | 137.43 | |
| | Savio Debrincat (gbir ta skart Nov. 2009) | 1,208.69 | |
| | Go PLC (telephone serv. Nov. 2009 | 60.70 | |
| | Go PLC (Fax serv. Nov. 2009) | 19.82 | |
| | Office Club - Toner for printer HP 12A | 55.00 | |
| | Office Club - 3 Box Files | 16.50 | |
| | Office Equipment - 2 Boxes A4 Copy Paper | 38.00 | |
| | Hotel Calypso (snack - cultural outing 3/12/09 | 255.00 | |
| | Ray's Catering (reception Jum il-Fontana) | 395.00 | |
| | F. Mizzi Distributors (reception Jum il-Fontana) | 182.99 | |
| | Councillors lunch social-cultural tour 07/12/2009 | 36.95 | |
| | Emanuel Caruana (Bus service on 11/11/2009) | 30.00 | |
| | Kunsill Lokali Rabat ( reception to Calabresi Mayors) | 76.70 | |
| | Rapa Showrooms (Paint, Lamps, etc..) | 23.41 | |
| | LongBrow Ltd (500 totally degradable bags) | 454.30 | |
| | SportsMania (50 nonwoven bags black&White) | 118.00 | |
| | Projects & Dev. Dept.(Bulky Refuse Oct. 2009) | 57.62 | |
| | EneMalta Corp. (applc. For temporary supply) | 130.00 | |
| | EneMalta Corp. (applc. For temporary supply) | 130.00 | |
| | Gozo Channel (ferry tickets on 07/12/2009) | 14.95 | |

Borg S. Borg

| | | | |
|---|---|---|---|
| | Water Services ( 25/03/2009-21/10/2009) | 316.05 | |
| | CIR ( December 2009) | 671.64 | |
| | Mayor's Allowance (December 2009) | 374.98 | |
| | A/Exec. Sec. (Salary December 2009) | 1,517.22 | |
| | Victor Calleja (Trading) Ltd. | 334.45 | |
| | Richard Cauchi (Electrical Contractor - Aug. 2008) | 1,518.96 | |
| | Richard Cauchi (Electrical Contractor - Dec. 2008) | 592.73 | |
| | Richard Cauchi (Electrical Contractor - April 2009) | 935.20 | |
| | Emanuel Caruana (Bus serv. 28/11; 3/12; 7/12 | 150.00 | |
| | Cordina's Studio (photo service) | 105.96 | |
| | Cassar Pet & Hobby | 155.60 | |
| | Post Office (Postage Stamps) | 19.00 | |
| | | 10,839.22 | |

## Materji Ohra

Is-Sibndku ippropona lil Kunsill biex tintbghat ittra lid-Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex, biex jittiehdu l-passi mehtiega biex ma jsirx hsara meta jkun qed isir ix-xoghol fil-"culvert" il-gdid mill-kuntrattur taht il-bankina ta' hdejn il-Belvedere ta' Triq ta' Mulejja. Dan ghar-raguni li l-ilma li jingabar fil-"culvert" prezenti, trid tinbidel id-direzzjoni tieghu. Dan irid jsir wara li kien hemm sentenza tal-Qorti. Il-Kunsill qabel fuq dan. Il-Kunsillier Lorry Apap, qal li ghalkemm jastjeni minn xi partijiet ta' din il-kwistjoni, ghall-interess tal-lokalita', hu gibed l-attenzjoni lill-Perit Angelo Portelli li ma ghandhux ghalfejn isir pipe taz-zewg piedi imma tas-16 il-pulzier. Il-Perit Angelo Portelli accetta dan. Huwa qal ukoll lill l-istess Perit biex ma juzax il-hymac 727 imma JCB, kif ukoll biex inehhi l-"low loader" mill-post. Il-Kunsill unanimament qabel li l-kuntrattur ghandu jnehhi dan il-"low loader" mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsillier Lorry Apap qal ukoll li r-residenti, specjalment il-familja Galea ghandha tigi nfurmata li ser isir ix-xoghol f'dawk l-inhawi, mid-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp u mhux mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Victor Cefai qal li s-sett tad-dawl tal-"Christmas Tree" qieghed ghandna u jahdem tajjeb. Huwa qal ukoll li lest li sena ohra jerga' jiehu l-inkarigu li jzejjen ghall-festa tal-Milied fis-Sala tal-Komunita'.

Is-Sindku nforma lil-Kunsill li l-Kunsill rcieva l-hlas mill-Kumitat Kongunt dwar l-Infurzar Lokali, tal-kontravenzjonijiet ta' qabel il-"pooling" li ilu jitlob ghalihom is-snin, li hu ta' €442 u dan l-ammont gie iddepozitat fil-kont bankarju tal-Kunsill.

Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Fontana Local Council

Is-Sindku qal li naqas "bin" fil-bidu tat-triq ta' Triq il-Kardinal A. Franchi, waqt li l-Kunsillier Horace Micallef kien irraporta li naqas "bin" iehor mill-kantuniera ta' l-istess triq. Il-Kunsill qabel li jsir rapport lill-pulizija u jinxtraw zewg "bins" ohra.

Is-Sindku nforma ukoll li saret talba lill M.T.A. wara korrispondenza li baghtet biex ninghataw l-ghajnuna ghal diversi progetti., fosthom "country walks", it-tieni fazi ta Wied Siekel u tarf Triq Ghajn Tuta, "street furniture", "Fireworks Festival" u "Funday" fix-Xlendi.

Is-Sindku qal li giet mislufa s-Sala tal-Komunita' lill "Legion of Mary" ghal riceviment li organizzaw wara l-kuncert ekumeniku tal-Milied li organizzaw l-istess "Legion of Mary" fil-parrocca taghna.

Saret b'success l-attivita' ta' Jum il-Fontana. Din bidet b'quddiesa ta' radd il-hajr fil-Knisja Parrokkjali. Attenda s-Sindku, l-Vici Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv u l-kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef. Wara tpoggiet kuruna mis-Sindku mal-monument tas-sajjieda. Is-serata tkompliet fis-Sala tal-Komunita' fejn gie mtella' programm tal-okkazjoni, bis-sehem tal-"The Gozo Youth and Wind Orchestra", li ghas-servizz li taghat, kienu diga mhallas is-sena li ghaddiet meta nxtraw legiji ghal membri li hemm mill-Fontana. Hadu sehem ukoll il-kantanti Francesca u Gabrielle Sciberras, Mikaela Bajada u l-Group M-5. Sar diskors tal-okkazjoni mis-Sindku, u wara gie pprezentat it-trofew ta' Gieh il-Fontana lis-Sinjura Carmen Vella, omm Fr. Lino Vella, ex-Kappillan, li kien indispost, flimkien mal-midalja ta' Gieh il-Fontana. Wara giet ipprezentata wkoll il-midalja ta' Gieh il-Fontana lis-Sur Emanuel Mercieca, zewg il-mejta Carmen Mercieca li nghatat dan il-gieh. Ghal din il-prezentazzjoni attenda l-Onor. Anton Refalo. Is-serata ntemmet b'riceviment tal-okkazjoni. Fl-ahhar attenda ghal xi hin l-Onor. Chris Said, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali minhabba li kellu mpenji governattivi. L-Onor. Giovanna Debono, Ministru ghal Ghawdex u l-Vici Sindku ma setghux jattendu minhabba dawn l-impenji. Din is-serata giet ipprezentata mis-Sinjorina Guza Borg.

Is-Sindku attenda ghac-cerimonja tat-tqassim ta' fondi specjali li saret fil-Muzew tal-Arkeologija fil-Belt Valletta. Dawn gew ipprezentati mill-Onor. Chris Said, Segretarju Parlamentari. IL-Kunsill taghna rcieva €6000 ghar-restawr tal-Ghajn ta' Bendu.

Saret il-harga ta' nofs ta' nhar f'Ghawdex ghar-residenti tal-Fontana. Zorna il-mithna (ghat-thin tal-qamh) sotteranja tax-Xlendi. Wara l-Ghadira ta' San Raflu, l-Muzew tat-"Toys" fix-Xaghra u Marsalforn fejn dawk prezenti gew offruti kafe u "snack" mill-Kunsill. Attendew 50 persuna fosthom is-Sindku u l-kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef.

Borg S. Borg

Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Is-Sindku, flimkien ma Sindki Ghawdxin, attenda ghall attivita' li saret fis-Sentinella, fic-Cittadella, ma grupp ta' Sindki minn Calabria.

Gie wkoll iffirmat il-kuntratt ma Tarcisju Xerri dwar l-offerta ghal xoghol ta' passagg bil-gebla tal-qawwi f'Tarf Triq Ghajn Tuta. (Trejqa Wara l-Idjar)

Dwar l-attivita' s-Sagra ta' Sant' Andrija saret it-talba biex tinbidel ghal Festival tal-Loghob tan-Nar f'Settembru.

Saret il-harga socjo-kulturali ghar-residenti tal-Fontana. Saret quddiesa fil-Kolleggjata ta' Bormla fejn kienet qed tigi ccelebrata l-festa tal-Kuncizzjoni. Wara kellna hin liberu l-Belt Valletta. Zorna wkoll minjatura ta' knisja fil-Fgura kif ukoll Torri Mamo f'Wied il-Ghajn. Attendew 45 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef.

Is-Sindku attenda ghall laqgha mal-Green M.T. li saret fil-Lukanda Calypso dwar il-gbir tal-iskart separat. Saret prezentazzjoni dwar x'qed joffru minn din il-kumpanija.

Sar l-iffilmjar mill-kumpanija "Where's Everybody" tal-"Feature" tal-progetti li l-Kunsill qed jikkompeti bihom ghal "Green Challenge Award". Dan il-programm ser jigi irrekordjat nhar l-5 ta' Jannar 2010. Il-Kunsill mistieden li jattendi, fir-"Recording Studio" tal-kumpanija "Where's Everybody", f'Hal Qormi.

Is-Sindku attenda ghal laqgha tas-Sindki Ghawdxin li saret mill-President Regjonali Dr. Samuel Azzopardi fil-"Banca Giuratale".

Is-Sindku attenda laqgha tas-Sindki Ghawdxin li saret fil-Lukanda Kempinski, San Lawrenz dwar is-servizzi offruti mill-kumpanija "Green Pak" dwar il-gbir tal-iskart separat.

Is-Sindku attenda ghall laqgha tas-Sindki Ghawdxin dwar Eco-Ghawdex mal-Ministru l-Onor. Giovanna Debono, fil-Ministeru ghal Ghawdex.

Giet ippubblikata d-disa' harga tal-fuljett "Taghrif mill-Kunsill Tieghek". Dan tqassam f'kull residenza tal-Fontana. Dan gie ippreparat mis-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv.

Saret ukoll manutenzjoni "area" zghira ta' madwar metru fis-suffit tas-Sala tal-Komunita', mill-kumpanija Artex.

Borg S. Borg

Fontana Local Council

Fl-okkazjoni tal-Milied gew mqassma 30 ikla lill anzjani li jghixu wahedhom. Dawn tqassmu mis-Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef.

Is-Sindku, l-Agent Segretarju Ezekuttiv u l-kunsillier Horace Micallef attendew ghall attivita organizzata mis-Segretarjat Parlamentari ghad-Djalogu u Nformazzjoni Pubblika, fil-lukanda Kempinski Hotel San Lawrenz, fejn giet mqassma kopja tal-ligi l-gdida tal-Kunsilli Lokali, voucher ghal xiri ta' sigar taz-zebbug, kif ukoll, l-passsword tal-e-mails tal-kunsilliera. Sar diskors mis-Sur Noel Formosa Sindku ta' San Lawrenz, Dr. Samuel Azzopardi, Sindku tal-Belt Victoria, kif ukoll mis-Segretarju Parlamentari L-Onor. Chris Said. Wara sar riceviment tal-okkazjoni.

Il-haddiem tal-Kunsill Joe Mercieca jrid jinghata 15il-siegha u nofs "time-in-lieu" ghall hin li hadem wara l-hinijiet tax-xoghol ghal ftuh tal-wirja ta' artigjanat, ta' siegha (1), siegha u nofs (1 ½) granet tax-xoghol, u ta' siegha (1), saghtejn (2) il-Hadd; kif ukoll saghtejn ta' meta gie mqabbad jnaddaf il-latrina pubblika. Il-Kunsill qabel.

Peress li kienet l-ahhar tas-sena, is-Sindku rringrazzja lil kunsilliera tal-ko-operazzjoni taghhom ta' matul is-sena. Hu qal li kienet sena ta' xoghol specjalment f'dawk li ghandhom x'jaqsmu applikazzjonijiet ghal diversi skemi. Is-Sindku qal ukoll li ghaddiet kampanja fuq il-Kunsill, f'certi gazzetti, li f'partijiet minnha kienet zbaljata u xtaq jistqarr li hu ma ghandu l-ebda dizgwid mal-Vici Sindku jew ma xi haddiehor fil-Kunsill. Is-Sindku iddikjara li qatt ma argumentaw gewwa l-Ufficcju jew barra mill-Kunsill u lanqas ma ghandu l-hsieb li jargumenta. Il-Vici Sindku, Tony Borg kif ukoll il-kunsillier Victor Cefai, qalu wkoll li huma jaqblu ma dan, u li qatt ma argumentaw. Is-Sindku kompla jghid li kien intqal ukoll li s-Sindku ipprova jaljena lin-nies b'"feature" fuq l-Ghajn ta' Bendu .. Is-Sindku qal li l-post ma kienx l-Ghajn ta Bendu izda l-Ghajn il-Kbira fejn sar "feature" tal-hasil tal-hwejjeg, fejn ghadu jsir sa llum, kif ukoll snajja' ohra antiki li jinstabu fil-Fontana, min Keith Demicoli, gurnalist tal-PBS. L-kaz kien li mill-"Fontana Cottage Industry" avvicinatu Salvina Saliba u qaltlu jistax isib xi nies li jafu xi snajja' antika biex jigu iffilmjati mill-PBS, ghax giet mitluba mill-gurnalist Keith Demicoli, li kien prezenti hemm fl-Ufficcju taghha. Is-Sindku kien qal li sab lil dawk in-nisa li soltu jahslu l-hwejjeg l-ghajn, kif ukoll lil Cikku Cordina li jahdem in-nasses tal-hut, tal-Fontana Cottage Industry sabu wahda li tahsel is-suf tan-naghag. Is-Sindku, qal ukoll, li rigward id-dejn, il-Kunsill barra li iffranka mijiet ta' ewros, meta gie ikkontestat l-kont tal-kuntrattur Nicky Saliba. Konna l-uniku kunsill li ma ssellef xejn mill-banek biex iwettaq il-progett tal-ewwel fazi tac-Centru Civiku. Dwar l-avvizi li tqassmu lir-residenti ghal harga ta' Malta f'April li ghadda, dawn saru fl-Ufficcju tal-Kunsill, u ma kienux fuq "letter head" imma b'timbru tal-kunsill ghax l-Agent Segretarju Ezekuttiv l-gdid ma kelliex "password" biex taccessa il-kompjuter peress li kien ghadu ma nghatalix mill-awtorita kompetenti. L-Agent Segretarju Ezekuttiv

Borg     S. Borg

Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

ikkonfermat dan. Is-Sindku qal li hu ghamel minn kollox biex il-Kunsill jimxi tajjeb u r-rizultat juri jekk kienx bla direzzjoni, dan ghar-raguni li rnexxielna nikkwalafikaw ghal diversi skemi mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, minbarra hafna xoghol iehor li twettaq matul is-sena.

Il-Kunsilliera awguraw il-festi t-tajba lil xulxin.

Il-laqgha spiccat fis-7.00p.m.

Josephine Borg
Agent Segretarju Ezekuttiv

Saviour Borg
Sindku

Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt